**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 22 – IT-TLIETA, 12 TA' APRIL 2016 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | ChairpersonDr |
| | Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | | |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 21**

1.1 Ma kienx hemm korrezzzjoni fil-minuti. Dr Frank Bartolo ppropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mill-Minuti**

2.1 Is-Sur Alfred Mangion ippreżenta linji gwidi mill-MEPA rigward użu ta' fondi UIF.

2.2 Dr Bartolo fakkar li għandha titwaħħal tabella 35 k/m fi Triq il-Ħuttaf.

2.3 Għandha tintbagħat reminder lil TM rigward is-Speed Indicator għal Triq tas-Sliema.

2.4 Il-Kumitat insista li l-un/loading bay fi Triq Birkirkara għandha tiġi mis-7.00am sal-4.00pm.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

2.1 Ġie innutat li x-xogħol fi Ġnien G M Camilleri tlesta ikluż it-tabelli u l-locality map. Kien hemm qbil li jsir r-refreshing tal-linji li hemm bżonn fil-madwar.

2.2 Iċ-Chairperson ġab għall-attenzjoni n-nuqqas ta' servizz li qed ikollhom is-Sorijiet tal-Klarrissi mill-kuntrattur tal-ġbir ta' skart domestiku. Is-Segretarju tkellem mal-kuntrattur u dan ġara minħabba driver ġdid u l-problema għandha tiġi ndirizzata. Iċ-Chairman għandu jitkellem mal-kuntrattur ukoll.

**3 Affarjiet oħra**

3.1 Il-Kunsill innota li hemm xi ħsarat fil-bankina u fit-tabelli fi Triq Birkirkara wara li ingħata wiċċ ġdid. Il-floodlights taż-zebra crossing mhux qed jaħdmu wkoll.

3.2 Il-Kumitat innota li kien hemm numru ta' lmenti li mhux qed jirċievu l-fuljett il-Ħuġġieġa, dan jinkludi s-Sur Alfred Mangion. Din għandha tiġi riferuta lill-Kunsill għall-attenzjoni tagħhom.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.10pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 10 ta' Mejju 2016 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Stefan Bonello Ghio** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |